MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 2104/2004

**Emmanuel Azzopardi**
**Vs**
**Vincielle Cassar u zewgha Duncan Cassar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz ta' l-attur li talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti, huma jew min minnhom, sabiex ihallsuh is-somma ta' mitejn u sitta u tlettin lira Maltin (Lm236), rappresenanti l-prezz ta' arkata, ossija hnejja ta' l-injam tal-*oak* mahduma mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuta Vincielle Cassar, liema appalt gie terminat unilateralment mill-istess konvenuta u liema arkata, ossija hnejja ta' l-injam tal-*oak*, giet debitament depozitata taht l-Awtorita' tal-Qorti permezz ta' cedola ta' depozitu numru 1622/04, kopja annessa mal-avviz;

Bl-ispejjes kollha inkluz dawk tac-cedola ta' depositu numru 1622/04 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv;

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi

a) t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress illi l-eccipjenti qatt ma ordnaw xambrella minghand l-attur. Kull ma ghamel kien li talab stima;

b) kien l-attur illi minn jeddu u ghal skopijiet ulterjuri, insista bil-prosegwiment tax-xoghol;

c) la darba qatt ma gie kkuntrattat l-ebda appalt, isegwi li l-eccipjenti m’ghandhom ihallsu xejn lill-attur;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ra x-xhieda ta’ l-attur li jispjega li hu jezercita s-sengha ta’ mastrudaxxa u l-konvenuti kienu inkarigawh sabiex jaghmel xoghol ta’ kcina, bieb ta’ barra, kamra tas-sodda, *vanity unit* tal-kmamar tal-banju;

Jispjega li wara li lesta dan ix-xoghol, il-konvenuti kienu nkarigawh sabiex jaghmel arkata u bibien tal-*fireplace*. L-arkata kellha ssir bejn il-kcina u s-salott sabiex tkun parigg il-kcina. Kien tahom l-istima u l-konvenuti kienu ghamlu l-ordni;

Kien ghalhekk, jispjega l-attur li kien mar u ha l-qisien bit-*three ply*. L-istima kienet ta’ tlett mitt lira (Lm300) u kienu rieduha lesta sal-Milied;

Sussegwentement, il-konvenuta qaltlu li ma rieditx il-hnejja aktar u kien ghalhekk li ma kompliex ix-xoghol. Meta kien gie avzat biex jieqaf, ix-xoghol kien wasal fi stadju avvanzat hafna – kien jonqos biss il-*finishing*;

Ta’ dan ix-xoghol, l-attur qed jitlob mitejn lira Maltin (Lm200) u l-vat;

L-attur ikompli jispjega illi hu jzomm *record* tad-disinji u l-istimi. Jikkonferma li kien hareg stima ghax-xoghol ta’ l-

arkata, kif ukoll tal-bibien tal-*fireplace*, izda ma kienx ta kopja lill-konvenuti; biss kien qalilhom bil-fomm;

L-attur esebixxa dokumentazzjoni rigward l-oggetti li kellu jaghmel u l-valuri taghhom flimkien mal-i*sketches*. Il-hnejjiet gew ordnati wara. L-istima tal-hnejja kienet tammonta ghal tlett mitt lira (Lm300). Biex jaghmel dan id-disinn, l-attur jikkonferma li hu kien mar fuq il-post;

L-attur jispjega li imbaghad gara li tul l-gherusija tal-konvenuti u ghal xi zmien wara z-zwieg taghhom , kellu relazzjoni mal-konvenuta u meta sar jaf zewgha, kienu ppikaw bejniethom u hassru l-ordni tal-hnejja;

Ighid li ma kellu l-ebda stima ffirmata mill-konvenuti peress li kien hemm relazzjoni bejnu u l-konvenuta, li dejjem kienet tkun prezenti ghal laqghat u anke sahansitra meta saret l-ordni. Mill-kont originali, ighid li d-differenza f'tieghu kienet li hu kien zied il-prezz tal-*handles* u tal-hnejjiet u l-bibien tal-*fireplace*, peress li din l-ordni saret wara;

Il-konvenuti kienu mbaghad ghamlu hlas ta' sitt mija u tmenin lira Maltin (Lm680) u sa dak iz-zmien , il-hnejjiet diga' kienu ordnati, izda peress li kien ghad hemm xi kontijiet pendenti mal-konvenuta, ma kienx talab il-flus pendenti tal-hnejjiet;

L-attur jichad li hu kien ghamel il-kawza ghaliex ma kienx ghadu f'relazzjoni mal-konvenuta;

Ra x-xhieda ta' Francis Zerafa li huwa habib ta' l-attur. Ighid li hu kien jaf il-konvenuta ghaliex kien jahdem ma' missierha bhala pulizija;

Jispjega illi hu kien ikun ta' spiss ghand il-hanut ta' l-attur u kien hu li kien hajjar lill-konvenuta biex tahdem ghand l-attur. Kien hadmilha kcina, kamra tas-sodda u xi bibien. Kienet ukoll ordnat hnejja tal-*oak*;

Ix-xhud jikkonferma li hu kien prezenti meta l-konvenuta kienet ordnat il-hnejja, izda peress li ma kienitx tonda kienu ftehmu li l-attur jiehu l-qisien fuq il-post. Kellu jiehu l-qisien fu bicca injama. Hu ma kienx mar mal-attur biex jiehu l-qisien minkejja li dan kien qallu biex imur mieghu. Ighid li l-attur kien qallu li dan sar billi uza *three-ply*;

Ix-xhud jispjega illi gieli kien ra l-attur jahdem fuq din il-hnejja. Peress li l-ordni saret meta l-konvenuta kienet ghadha xebba u kienet imbaghad iggieldet mal-attur, ir-ragel taghha ma riedx il-hnejja aktar u dan meta kienet kwazi lesta;

L-attur ma kienx ghadu taha lostru u kien waqaf jahdem fuqha meta l-konvenuti ma ridhuhiex aktar;

Ix-xhud jikkonferma ukoll illi l-konvenuta kienet ukoll ordnat bibien tal-*fireplace*, izda l-attur dawn ma kienx ghamilhom u ma kienx qed jippretendi flus taghhom;

Ra x-xhieda tal-konvenut, li jispjega li hu kien jaf lill-Frank Zerafa u wara li kien ra l-ghamara tieghu ftiehem mieghu biex jiltaqa' mal-attur. Il-mastrudaxxa u cioe' l-attur kien mar fuq il-post u ha l-qisien. Jispjega li kienu ftehmu fuq kcina, *vanity wall unit*, kamra tas-sodda, bieb ta' barra, bieb fuq gewwa, bank ghal *washroom* u *box frame* fil-bieb;

L-istima kienet ta' hames telef sitt mija u tmienja u sebghin lira (Lm5678) u l-konvenut kien accetta basta li jkun jista' jithallas bin-nifs;

Ix-xoghol sar u l-attur kien wahlu fil-post, pero', imbaghad ried jordna xambrella fil-kcina, li hija fit-tond u fiha xi sitt piedi, u peress li xi nies kienu qalulu li kien zammlu bl-oghli, talab lill-attur li l-ewwel jaghtih stima. Kien baqa' jitolbu stima sa anke wara li zzewweg;

F'Jannar, 2004, il-konvenut ighid li kien ghad fadallu jhallas lill-attur is-somma ta' sitt mitt lira. Gara li kien hemm xi inkwiet bejn l-attur u martu, tant li kellhom jaghmlulu garanzija. Darba mar kmieni filghodu ghandhom, izda l-konvenut jispjega li kien cempel lill-

pulizija. Bl-intervent tal-pulizija, l-konvenut jikkonferma li kien ghad fadal li jaghti lill-attur dawn il-flus, hallashom dak il-hin stess, izda ghamel ittra fejn iddikjara li kien qed ihallas bhala “*final settlement*.” Kien f’dak il-hin li l-pulizija ki en talab lill-attur jekk kienx hemm xi affarijiet ohra pendenti u dan kien irrisponda li ma kienx hemm. Izda mbaghad sab li kien hemm dawn il-proceduri;

Fuq il-hnejjiet u l-bibien tal-*fireplace*, ix-xhud ighid li ma kienx gie finalizzat l-ebda ftehim;

In kontro-ezami, il-konvenut jispjega li meta hu hallas is-somma ta’ sitt mija u tmenin lira Maltin (Lm680) dawn kienu parti mis-somma totali ta’
Hamest elef u sitt mija u tmienja u sebghin Lira Maltin (Lm5678). Ighid li l-arkata ma kienitx tifforma parti minn din is-somma, ghaliex hu qatt ma kien ghamel ordni ghaliha;

Kien ghal habta ta’ Gunju, meta l-attur kien mar ghand il-konvenuti sabiex jiehu il-qies tax-xambrella, ha l-mudell u kellu jtih stima. Sa’ Settembru kien ghadu ma rcieva l-ebda stima. F’Settembru, rega’ mar biex jiehu l-mudell li kellu jkun ta’ sitt piedi. Sa dan iz-zmien, il-konvenut ighid li diga’ kien tah elf lira (Lm1000) u qabel ma thallas il-bilanc ta’ sitt mija u tmenin lira (Lm680) u kien hawn li l-konvenut rega’ talbu l-istima.

Il-konvenut ikompli jinsisti li hu qatt ma kien ghamel ordni ghal din il-hnejja u ghalkemm giet depositata l-Qorti qatt ma kien ghamel xejn ghaliex ma kienx ordnaha;

Ra x-xhieda ta’ PS1257 Conrad Ellul li jikkonferma li kienu qed isiru diversi rapporti mll-konvenuti dwar indhil da parti ta’ l-attur. Darba minnhom kien cempel Cassar u qallu li l-attur kien qieghed wara l-bieb taghhom u meta nizel fuq il-post sab lill-attur. Dan kien qallu li l-konvenuti kellhom ihallsuh tax-xoghol ta ’l-injam li kien ghamilhom. Ftit wara kien nizel il-konvenut b’cekk ta’ sitt mija u tmenin lira (Lm680) Maltin. Azzopardi qal li kien soddisfatt, tant hu hekk li kienu ffirmaw karta bejniethom;

Ighid ukoll li d-diskors kien li il-flus kienu qed jithallsu ghal kamra tas-sodda. Jikkonferma ukoll ix-xhud, li l-attur kien qallu li kien hemm xi haga ohra pendenti, pero' ma kienux jikkoncernaw ix-xoghol ta' l-injam;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

Il-vertenza odjerna hija li jigi stabbilit jekk bejn l-attur u l-konvenuti effettivament kienx jezisti kuntratt ta' appalt jew le rigward il-hnejja in kwistjoni. Il-verzjoni ta'l-attur hija li l-konvenuti kienu ordnaw hnejja tas-"*solid oak*," u kien kwazi lestiha, meta tterminawlu l-appalt;

Il-verzjoni tal-konvenuti minn naha l-ohra hija li qatt ma kien hemm appalt, kien hemm biss talba ghal stima u kien biss fuq insistenza da parti ta' l-attur li sar ix-xoghol;

Mill-provi migbura jidher li kien hemm xhud okulari li seta' jikkonferma li saret ordni da parti tal-konvenuti ghall-hnejja, tant li l-attur kellu jmur fuq il-post u jaqta' *sample* bit-*three ply*. Dan kien Frank Zerafa;

L-istimi li gew esebiti jaghtu interpretazzjoni differenti, fis-sens li l-istima tal-konvenuti tikkonferma l-ammont ta' hamest elef sitt mija tmienja u sebghin lira Maltin (Lm5678), filwaqt dik tal-attur tindika tlett mitt lira (Lm300) ghal hnejja. L-ispjegazzjoni li jaghti hija li kien hemm relazzjoni ta' fiducja u ghalhekk ma kien hemm xejn formali bejniethom. Jidher fatt ikkonfermat li ghal xi zmien kien hemm relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta u ghalhekk hija kredibbli l-verzjoni li kien hemm certi kunfidenzi bejniethom anke ghal dak li jirrigwarda l-appalt;

Mhux kontestat li l-istima saret. Li huwa kkontestat huwa jekk saritx ordni. Il-*fatto sta* li l-attur kien ha mostra permezz li qata' l-qisien fuq *three ply,* kien imbaghad beda x-xoghol tal-hnejja u kien biss meta wasal fi stadju avvanzat li l-konvenuta talbitu biex ma jkomplix izjed. Fil-fatt, din l-istess hnejja giet depositata l-Qorti u l-konvenuti

ma kkontestawx din ic-cedola, hlief li jkompli jinsistu li ma kienitx saret ordni;

Huwa inkoncepibbli ghat-Tribunal li mastrudaxxa, li ma jkollux ordni wahda jew tnejn, ser joqoghod jiehu l-isbriga li jahdem hnejja minghajr ma jkun inghata l-appalt. Sahansitra l-attur esebixxa ritratti sabiex tinghata ideja ta' kif gie ippjanat ix-xoghol u dan zgur ma sarx semplicement ai finijiet ta' stima;

L-uniku dubbju li jista' jinholoq biex it-Tribunal ma jkomplix jemmen lill-attur, huwa l-fatt li meta ntervjenew il-pulizija sabiex jigi solvut il-kaz bejn l-attur u l-konvenuti, il-konvenut kien hallas is-somma ta' sitt mija u tmenin lira Maltin (Lm680) u dan "in full and final settlement" tal-kont li kellu pendenti mal-attur. Aktar minn hekk, meta l-pulizija kien saqsieh jekk kienx ghad fadal xi haga ohra pendenti, jghid li kien hemm xi haga ohra pero' mhux relatata max-xoghol ta' l-injam u li kellha tigi rizolta bejnu u l-konvenuta. Din il-verzjoni wahedha taghti lok ghall-interpretazzjoni li l-konvenuti effettivament ma kienux ghamlu ordni ghaliex li kieku, l-attur kien, fil-presenza tal-pulizijia stess jippretendi li jithallas ta' dan ix-xoghol. Pero', it-Tribunal jinterpreta din is-sitwazzjoni bhala li kien hemm originarjament xi ftehim bejn l-attur u l-konvenuta fuq l-ordni tal-hnejja, kien hemm xi tahwid finanzjarju ukoll bejniethom, tant li jissemma' li kien hemm proceduri ohra bejniethom. Il-probabilita' hija li ma waslux ghal ftehim u kien ghalhekk li ddecieda li jiehu passi, fejn qabel ma kien qed jippretendi xejn tax-xoghol tal-hnejja. Dan il-punt mhux kontestat mill-konvenuti, meta l-attur jistqarr fix-xhieda tieghu stess li ma kienx qed jippretendi flus mill-konvenuta peress li kien ghad hemm xi affarijiet bejniethom pendenti;

Il-kuntratt ta' appalt huwa wiehed bilaterali u ghalhekk jekk jintemm minn wiehed mill-partijiet cioe' mill-appaltatur jew mill-appaltant, irid jigi stabbilit ir-rimedju;

Fattur iehor importanti huwa li t-Tribunal ihoss li ghandu jemmen lill-attur li l-konvenuta kienet verament ordnat il-hnejja meta kienet ghadha xebba u fil-fatt il-premessi fl-avviz jindikaw relazzjoni guridika mal-konvenuta;

***"Il-ligi tippreskrivi li, min jaghti appalt lil haddiehor, jista' jholl il-ftehim ukoll jekk ix-xoghol ikun inbeda. Minbarra dan, jekk il-kuntratt jinhall ghal raguni tajba, min jaghti x-xoghol huwa obbligat ihallas lill-appaltatur biss il-prezz tal-materjal li jkun intuza fix-xoghol li jkun lahaq gie konsenjat lil, u mizmum minn, min jaghti x-xoghol, liema prezz jithallas minn xi hlas akkont li l-appaltant ikun wettaq bil quddiem lill-appaltatur. Dan ghandu, min-naha tieghu, irodd lura lil min qabbdu jaghmel ix-xoghol dik il-parti mis-somma mhallsa lilu bil quddiem li tkun tisboq il-prezz tax-xoghol li lahaq sar u l-materjal uzat u moghti lill-appaltantp;***

***Fil-kaz fejn ikun hemm raguni tajba biex l-appalt jinhall, kull hlas li jista' jippretendi l-appaltatur ghandu jitkejjel mal-utilita' li l-appaltant ikun ha tax-xoghol li lahaq sar u kif ukoll mal-hsara li l-appaltant ikun garrab minhabba li kien imgieghel itemm l-appalt. Huwa wkoll stabilit li hija raguni tajba biex appalt jitqies mahlul fejn ix-xoghol konsenjat tant kien mill-aghar li wiehed ma jistenniex li jista' jsir xi xoghol rimedjali fuqu biex igibu tajjeb;***

***Il-ligi tghid ukoll li hekk kif, min jaghti x-xoghol, jgharraf lill-appaltatur li jrid itemm il-ftehim, dak l-avviz iservi biex iholl minnufih il-kuntratt, minghajr il-htiega ta' ebda konferma jew awtorizzazzjoni minn xi qorti;***

***Huwa moghti wkoll lill-persuna kreditrici tal-obbligazzjoni li titlob it-tnehhija tal-haga li saret bi ksur tal-obbligazzjoni u dan ukoll bi spejjez ta' min suppost wettaqha.***

***Meta l-ligi titkellem dwar id-danni li ghandhom jitqiesu f'kaz ta' nuqqas ta' twettiq, hija tghid li d-debitur irid jaghmel tajjeb kemm ghat-telf, mibsur jew li sata' jinbasar fiz-zmien tal-obbligazzjoni, li jkun bata l-kreditur u kif ukoll ghat-telf ta' qligh li dan ikun garrab. Imma, fil-kaz ta' nuqqas ta' twettiq ta'***

***obbligazzjoni, irid jintwera mill-kreditur li d-danni li jkun garrab kienu l-effett dirett u immedjat tan-nuqqas tal-obbligazzjoni. Id-danni huma dovuti meta l-obbligazzjoni ma tistax titwettaq aktar f'ghamla specifika, u mhux ukoll meta x-xoghol hazin jista' jissewwa jew jitranga;***

***Huwa stabilit illi huwa biss meta n-nuqqasijiet fix-xoghol konsenjat huma "essenzjali" jew radikali li l-appaltant jista' jitlob li jigi dikjarat li l-kuntratt jinhall minhabba nuqqas ta' twettiq, ghaliex jekk in-nuqqasijiet ma jkunux ta' din l-ghamla, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' bl-obbligu li jew isewwi x-xoghol hazin jew jaccetta hlas imnaqqas." PA. Valletta Jesmar et vs Grech Patrick et, 20.03.2003;***

Fil-kaz in ezami, fejn it-Tribunal qed jaccetta l-verzjoni ta' l-attur li kien hemm diversi appalti, wiehed minnhom, mertu tal-vertenza odjerna, jirrizulta li l-konvenuti tterminaw l-appalt;

Ma jirrizultax li kien hemm xi raguni valida ghalfejn gie tterminat l-appalt u forsi l-unika raguni plawsibbli, hija vendikazzjoni jew pika da parti tal-konvenuti peress li kien hemm din ir-relazzjoni bejn Azzopardi u Vincielle Cassar u l-konsegwenti persegwiment da parti ta' l-attur, tant li kellom jitolbu l-intervent tal-pulizija;

Minhabba li raguni valida hija inezistenti, jibqa' li l-konvenuti ghandhom jibqghu responsabbli ghal-hlas tal-materjal, ta' l-ispejjes u tax-xoghol li gie ezegwit mill-attur sal-gurnata li l-konvenuti tterminaw l-appalt u cioe' l-ammont ta' mitejn sitta u tlettin lira Maltin (Lm236) ghax-xoghol ta' hnejja tas-"*solid oak*";

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jikkundanna lill-konvenuti ghal-hlas tas-somma mitluba, oltre l-ispejjes kollha indikati fl-avviz u l-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------